



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 9.12.2020  
SWD(2020) 544 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI**  
**SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

*Li jakkumpanja d-dokument*

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2016/794, fir-rigward tal-kooperazzjoni tal-Europol ma' partijiet privati, tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-Europol b'appoġġ għall-investigazzjonijiet kriminali, u tar-rwol tal-Europol fir-riċerka u fl-innovazzjoni**

{COM(2020) 796 final} - {SEC(2020) 545 final} - {SWD(2020) 543 final}

## Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv

Valutazzjoni tal-impatt dwar proposta biex jissafha il-mandat tal-Europol (reviżjoni mmirata tar-Regolament (UE) 2016/794).

### A. Ftiegħa li tittieħed azzjoni

#### Għaliex? X'inhom l-problema li qed tiġi indirizzata?

L-Ewropa qed tiffaċċja xenarju ta' sigurtà fil-fluss, b'theddid għas-sigurtà li qed jevolvi u li dejjem qed isir aktar kumpless. Il-kriminali jisfruttaw il-vantaġġi li t-trasformazzjoni diġitali u t-teknoloġiji l-ġodda jgħib magħhom, inklużi l-interkonnnettività u n-nuqqas ta' distinzjoni bejn id-dinja fiżika u dik diġitali. Il-kriżi tal-COVID-19 iżżid ma' dan, peress li l-kriminali malajr ħafnu l-opportunitajiet biex jisfruttaw il-kriżi billi adattaw il-modi ta' kif jaħdmu jew jiżviluppaw attivitajiet kriminali ġodda. Dan it-theddid jinfirx lil hinn mill-fruntieri, u jaġevola varjetà ta' forom ta' reati. Peress li azzjoni fil-livell nazzjonali waħedha mhijiex biżżejjed biex tindirizza dawn l-isfidi tas-sigurtà transnazzjonali, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri qed jużaw dejjem aktar l-appoġġ u l-għarfien espert li l-Europol, l-aġenzija tal-UE għall-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi, toffri fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu. L-ambjent ta' theddid ġdid jibdel l-appoġġ li l-Istati Membri jeħtieġu u jistennew mill-Europol biex iżommu liċ-ċittadini sikuri, b'mod li ma kienx prevedibbli meta l-koleġiżlaturi nnegozjaw il-mandat attwali tal-Europol li daħal fis-seħħ fl-2016 (ir-Regolament tal-Europol (UE) 2016/794).

B'mod partikolari, hemm **tliet kwistjonijiet ewlenin** li kollha għandhom x'jaqsmu mat-theddid għas-sigurtà li qed jevolvi, u l-bidliet konsegwenzjali li jgħibu magħhom fil-bżonnijiet operazzjonali tal-Istati Membri biex jindirizzaw b'mod effettiv dan it-theddid:

- 1) in-nuqqas ta' kooperazzjoni effettiva bejn il-partijiet privati u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi biex jiġi miġġieled l-abbuż ta' servizzi transfruntiera mill-kriminali;
- 2) l-isfida tal-Big Data għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi;
- 3) il-lakuni fl-innovazzjoni u r-riċerka rilevanti għall-infurzar tal-liġi.

Dawn jikkostitwixxu **problemi prinċipali** minħabba l-impatt tagħhom fuq is-sigurtà, u kif rifless minn appelli qawwija mill-koleġiżlaturi għall-azzjoni. Huma jqajmu **għażliet importanti ta' politika** li jeħtieġu valutazzjoni dettaljata tal-ixprunaturi tal-problema, l-oġġettivi relatati, l-għażliet ta' politika disponibbli u l-impatt tagħhom.

#### X'mistennija tikseb din l-inizjattiva?

Bi twegħiba għall-ħtiġijiet operazzjonali urġenti, u s-sejħiet mill-koleġiżlaturi għal appoġġ aktar b'saħħtu mill-Europol, il-Programm ta' Hídma tal-Kummissjoni għall-2020 ħabbar inizjattiva leġiżlattiva biex "*jissafha il-mandat tal-Europol sabiex tiġi rinforzata l-kooperazzjoni operazzjonali tal-pulizija*". Din hija azzjoni ewlenija tal-Istrateġija dwar l-Unjoni tas-Sigurtà tal-UE ta' Lulju 2020. F'konformità mas-sejħa tal-Linji Gwida Politiċi biex "*isir dak kollu li huwa possibbli f'dak li għandu x'jaqsam mal-protezzjoni taċ-ċittadini tagħna*", l-inizjattiva hija mistennija li ssafha lill-Europol biex din tgħin lill-Istati Membri jżommu liċ-ċittadini sikuri.

B'reazzjoni għat-tliet problemi ewlenin identifikati, l-inizjattiva tfittex li tikseb l-oġġettivi li ġejjin:

- 1) Oġġettiv I: Li tiġi permessa **kooperazzjoni effettiva bejn il-partijiet privati u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi** biex jiġi miġġieled l-abbuż tas-servizzi transfruntiera mill-kriminali.
- 2) Oġġettiv II: Li l-infurzar tal-liġi jkun jista' **janalizza settijiet ta' data kbar u kumplessi biex jiġu identifikati rabtiet transfruntiera**, f'konformità sħiħa mad-Drittijiet Fundamentali.
- 3) Oġġettiv III: Li l-Istati Membri jkunu jistgħu **jużaw teknoloġiji ġodda għall-infurzar tal-liġi**.

#### X'inhom l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE?

Il-kriminalità serja u t-terroriżmu huma ta' natura transnazzjonali. Għalhekk, azzjoni fil-livell nazzjonali waħedha ma tistax tiġi għidhom b'mod effettiv. Huwa għalhekk li l-Istati Membri għażlu li jaħdmu flimkien fil-qafas tal-UE biex jindirizzaw it-theddid mill-kriminalità serja u t-terroriżmu. Barra minn hekk, it-theddid għas-sigurtà li qed jevolvi, xprunat mill-mod kif il-kriminali jisfruttaw il-vantaġġi li jgħibu t-trasformazzjoni diġitali u t-teknoloġiji l-ġodda, jittlob ukoll appoġġ effettiv fil-livell tal-UE għall-ħídma tal-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi. L-azzjoni tal-UE tippredvi mod effettiv u effiċjenti biex jiżded l-appoġġ lill-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-

terroriżmu biex jinżamm il-pass ma' dan it-theddid li qed jevolvi.

## B. Soluzzjonijiet

### X'għażliet ta' politika leġislattivi u mhux leġislattivi ġew ikkunsidrati? Hemm għażla ppreferuta jew le? Għaliex?

X'għażliet ta' politika leġislattivi u mhux leġislattivi ġew ikkunsidrati? Wara preselezzjoni li fiha xi għażliet kellhom jiġu skartati, l-għażliet ta' politika li ġejjin ġew ivvalutati fid-dettall:

- I. Għażliet ta' politika li jindirizzaw l-oġettiv I: kooperazzjoni effettiva bejn il-partijiet privati u l-infurzar tal-liġi
  - għażla ta' politika 1: li l-Europol tkun tista' tipproċessa *data* li tasal direttament minn partijiet privati
  - għażla ta' politika 2: li l-Europol tkun tista' tiskambja *data* personali ma' partijiet privati biex tiġi stabbilita l-ġurisdizzjoni
  - għażla ta' politika 3: li l-Europol tiftalla tagħmel mistoqsijiet direttament fil-bażijiet ta' *data* ġestiti minn partijiet privati
- II. Għażliet ta' politika li jindirizzaw l-oġettiv II: l-analiżi ta' settijiet ta' *data* kbar u kumplessi biex jiġu identifikati rabtiet transfruntiera
  - għażla ta' politika 4: li l-Europol tkun tista' tanalizza settijiet ta' *data* kbar u kumplessi
  - għażla ta' politika 5: l-introduzzjoni ta' kategorija ġdida ta' suġġetti ta' *data* (persuni mhux relatati ma' reat) li d-*data* tagħhom tista' tiġi pproċessata mill-Europol
- III. Għażliet ta' politika li jindirizzaw l-oġettiv III: l-użu ta' teknoloġiji ġodda għall-infurzar tal-liġi
  - għażla ta' politika 6: ir-regolamentazzjoni tal-appoġġ tal-Europol għall-programm ta' riċerka dwar is-sigurtà tal-UE, il-laboratorju tal-innovazzjoni fil-Europol, u l-appoġġ tal-Europol għaċ-ċentru ta' innovazzjoni tal-UE
  - għażla ta' politika 7: li l-Europol tkun tista' tipproċessa *data* personali għall-fini ta' innovazzjoni f'oqsma rilevanti għall-appoġġ tagħha f'dak li jirrigwarda l-infurzar tal-liġi

Wara valutazzjoni dettaljata tal-impatt tal-għażliet kollha ta' politika, il-pakkett ta' għażliet ta' politika ppreferuti jikkonsisti fl-għażla ta' politika 2, l-għażla ta' politika 4 u l-għażla ta' politika 7.

### Liema għażla u min jappoġġaha?

Il-partijiet ikkonċernati ġeneralment jappoġġaw it-tiżni tal-mandat legali tal-Europol biex jappoġġa lill-Istati Membri fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu. L-Istati Membri appoġġaw b'mod espliċitu l-għażliet ta' politika ppreferuti f'diversi fora tal-Kunsill kif ukoll f'Dikjarazzjoni tal-Ministri tal-Affarijiet Interni tal-UE ta' Ottubru 2020 ("*Għaxar punti dwar il-Futur tal-Europol*"). Fl-istess ħin, l-Istati Membri huma konxji mill-importanza tas-sovranità nazzjonali tagħhom fil-qasam tal-infurzar tal-liġi minn perspettiva operazzjonali u proċedurali. Il-Parlament Ewropew appoġġa rwol b'saħħtu għall-Europol, filwaqt li fakkar f'Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' Lulju 2020 li "*mandat imsaħħaħ jenħtieġ li jimxi id f'id ma' skrutinju parlamentari adegwa*". Il-Parlament Ewropew huwa mistenni li jitlob ġustifikazzjoni dettaljata għall-ħtieġa ta' kwalunkwe kapaċità tal-ipproċessar tad-*data* ġdida fl-Europol, kif ukoll salvagwardji b'saħħithom għall-protezzjoni tad-*data*. Tabilħaqq, id-diskussjonijiet mal-partijiet ikkonċernati kollha wrew l-importanza li jiġu previsti salvagwardji xierqa biex jiġu żgurati d-Drittijiet Fundamentali, u b'mod partikolari d-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali.

## C. L-impatti tal-għażla ppreferuta

### X'inhuma l-benefiċċji tal-għażliet preferuti (jekk hemm, jew inkella ta' dawk ewlenin)?

Il-pakkett ta' għażliet ta' politika ppreferuti (l-għażla ta' politika 2, l-għażla ta' politika 4 u l-għażla ta' politika 7) iwieġeb b'mod effettiv għall-problemi identifikati u jipprovdi lill-Europol b'għodod u kapaċitajiet b'saħħithom biex din iżżid l-appoġġ tagħha lill-Istati Membri fil-ġlieda kontra t-theddid emerġenti, f'konformità sħiħa mad-Drittijiet Fundamentali.

Soċjalment u ekonomikament, il-benefiċjarji aħħarija tal-għażliet preferuti kollha huma ċ-ċittadini, li

direttament u indirettament se jibbenefikaw minn rati aktar baxxi ta' kriminalità, danni ekonomiċi mnaqqsa, u inqas spejjeż relatati mas-sigurtà. F'termini ta' effiċjenza, **il-benefiċjarji ewlenin huma l-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi**. Jenħtiegħ li l-għażliet ippreferuti joħolqu **ekonomiji ta' skala sinifikanti** fil-livell tal-UE, peress li l-kompiti, li jistgħu jitwettqu b'mod aktar effiċjenti fil-livell tal-UE, se jiċċaqilqu mil-livell nazzjonali għall-livell tal-Europol. L-għażliet ta' politika ppreferuti jipprevedu soluzzjonijiet effiċjenti għall-isfidi li altrimenti jkollhom jiġu indirizzati bi spejjeż ogħla permezz ta' 27 soluzzjoni nazzjonali individwali, jew għall-isfidi li ma setgħux jiġu indirizzati fil-livell nazzjonali minħabba n-natura transnazzjonali tagħhom.

#### **X'inhuma l-ispejjeż tal-għażliet preferuti (jekk hemm, jew inkella ta' dawk ewlenin)?**

L-għażliet ta' politika ppreferuti prinċipalment jinvolve spejjeż addizzjonali fil-livell tal-UE, peress li l-kompiti u s-servizzi, li jistgħu jitwettqu b'mod aktar effiċjenti fil-livell tal-UE, se jiċċaqilqu mil-livell nazzjonali għall-livell tal-Europol. F'dan l-istadju, huwa diffiċli li jiġu kkwantifikati b'mod preċiż uħud mill-għażliet ta' politika individwali, b'mod partikolari minħabba l-kumplessità tal-iżvilupp tal-infrastrutturi u s-sistemi tal-IT proposti. Huwa stmat li jkun meħtiegħ baġit addizzjonali ta' madwar EUR 120 sa 150 miljun u madwar 150 post addizzjonali għall-perjodu globali tal-QFP biex jiġi żgurat li l-Europol ikollha r-riżorsi meħtieġa biex tinforza l-mandat rivedut tagħha. F'dak li jirrigwarda l-ispejjeż addizzjonali li dawn l-għażliet ta' politika jinvolve fil-livell nazzjonali, jenħtiegħ li dawn jiġu kkompensati mill-benefiċċji tas-servizzi addizzjonali li l-Europol se tipprovdi. Ma hemm l-ebda spejjeż addizzjonali sinifikanti li huma mistennija għan-negozji. L-għażliet preferuti ma fihomx obbligi regolatorji għaċ-ċittadini/għall-konsumaturi, u għalhekk ma joħolqux spejjeż addizzjonali għal dawn il-partijiet ikkonċernati.

#### **Kif se jintlaqtu n-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi?**

L-għażliet ta' politika ppreferuti mhumiex mistennija li jkollhom impatt sinifikanti fuq in-negozji. L-għażla ta' politika 2 biss (li tippermetti lill-Europol tiskambja *data* personali ma' partijiet privati) se taffettwa direttament lin-negozji. F'dan ir-rigward, in-negozji se jonfqu riżorsi addizzjonali fuq skambji mal-Europol, iżda dan se jiġi kkompensat minn iffrankar sinifikanti, peress li n-negozji se jonfqu inqas riżorsi biex jidentifikaw il-ġurisdizzjonijiet nazzjonali rilevanti huma stess, u se jkunu inqas esposti għar-riskji tar-responsabbiltà meta jaqsmu d-*data* mal-Europol. Barra minn hekk, in-negozju se jsofri inqas ħsara għar-reputazzjoni minn kriminali li jabbużaw mis-servizzi transfruntiera tagħhom.

#### **Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?**

L-għażliet ta' politika ppreferuti mhumiex mistennija li jkollhom impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali. Filwaqt li l-Istati Membri se jiddedikaw xi riżorsi addizzjonali għall-kooperazzjoni mal-Europol, jenħtiegħ li dawn l-ispejjeż ikunu fil-biċċa l-kbira megħluba mill-iffrankar assoċjat mas-servizzi mtejba tal-Europol lill-Istati Membri.

#### **Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?**

L-għażliet politiċi preferuti kollha jipprovdu raġunijiet legali ġodda għall-Europol biex tipproċessa d-*data* personali. Konsegwentement, dawn l-għażliet ta' politika għandhom impatt fuq id-Drittijiet Fundamentali u b'mod partikolari fuq id-drittijiet għall-protezzjoni tad-*data* personali (l-Artikolu 8 tal-Karta) u fuq ir-rispett għall-ħajja privata (l-Artikolu 7 tal-Karta). Sabiex tiġi żgurata konformità sħiħa mad-Drittijiet Fundamentali, il-valutazzjoni tal-impatt tipprevedi **kunsiderazzjoni bir-reqqa tad-Drittijiet Fundamentali** matul l-analiżi tagħha, abbażi ta' **valutazzjoni dettaljata tal-għażliet ta' politika f'termini tal-limitazzjonijiet tagħhom fuq l-eżerċizzju tad-Drittijiet Fundamentali** li:

- tiddeskrivi l-għażliet ta' politika li twarrbu fi stadju bikri minħabba l-impatt negattiv serju tagħhom fuq id-Drittijiet Fundamentali;
- tistabbilixxi valutazzjoni pass pass tan-neċessità u l-proporzjonalità;
- tiddeskrivi l-għażliet ta' politika miċħuda jekk tkun disponibbli għażla inqas intrużiva iżda ugwalment effettiva; kif ukoll
- tipprevedi lista sħiħa ta' salvagwardji dettaljati għal dawk l-għażliet ta' politika li fir-rigward tagħhom tkun meħtieġa limitazzjoni fuq l-eżerċizzju tad-Drittijiet Fundamentali, anki minħabba n-nuqqas ta' għażla inqas intrużiva iżda ugwalment effettiva.

Minħabba f'dan, l-għażliet ta' politika ppreferuti huma **strettament limitati għal dak li huwa meħtieġ u proporzjonat** u jinkludu s-salvagwardji meħtieġa.

#### **D. Segwitu**

##### **Meta se tiġi rieżaminata l-politika?**

Fil-biċċa l-kbira, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni se jitwettqu mill-mekkaniżmi applikabbli previsti fir-Regolament eżistenti tal-Europol, b'mod partikolari l-Artikolu 68 tar-Regolament tal-Europol (kull ħames snin). Barra minn hekk, jenħtieġ li l-għażliet ta' politika preferuti jkunu akkumpanjati minn dispożizzjoni li tirrikjedi valutazzjoni tal-impatt tagħhom fuq id-Drittijiet Fundamentali, sentejn wara d-dħul fis-seħħ tagħhom.